MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## GABRIELLA VELLA

Seduta tat-8 ta' Novembru, 2010

Avviz Numru. 174/2009

**Bank Of Valletta p.l.c. (C2833)**
**Vs**
**Carmel Mizzi**

Rat l-Avviz ipprezentat mill-bank attur fit-13 ta’ Mejju 2009 permezz ta’ liema jitlob li l-konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta' tmint elef, sitt mija u ghoxrin Ewro u disgha u ghoxrin centezmu (€8,620.29) bilanc ghad-debitu fil-"Loan Account" tieghu mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "Al sa A2"), annessi mal-avviz, flimkien ma' l-imghax ulterjuri mill-10 t'April 2009 sad-data ta’ 1-effettiv pagament, liema *loan* gie moghti lill-konvenut Mizzi permezz ta' skrittura privata datata fit-23 t'Awissu 2006 (Dok. ‘B') anness mal-avviz.

U dan wara li jigi dikjarat illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fl-iskrittura privata hawn fuq indikata u cioe' Dok. "B" partikolarment, imma mhux esklussivament, billi l-konvenut (a) naqas milli jhallas il-pagamenti dovuti lis-socjeta' mittenti kif stipulat fl-imsemmija skrittura, u (b) kien inadempjenti f’obbligi ohra

minnu assunti fl-istess skrittura sopraindikata, u/jew (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta' l-istess konvenut li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita' tal-hlas lura ta' l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta' attrici u b'hekk il-konvenut iddekada mill-beneficju tat-terminu u 1-imsemmi debitu sar dovut fl-intier tieghu f' daqqa. Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' 1-ittra ufficjali datata fit-22 ta' Jannar 2009 (Dok. "C") anness mal-avviz.

Rat illi l-istess avviz gie appuntat ghas-smigh ghal nhar il-Gimgha 8 t' Ottubru 2010 fid-9:30 a.m., u li l-istess Avviz u Avviz tas-smigh gie notifikati lill-konvenut.

Rat li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz u bl-Avviz tas-smigh, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas deher ghas-seduti tal-Qorti,

Rat l-atti tal-kawza u semghat lil Dr.Lilian Cremona rapprezentanta tal-bank attur li fis-seduta tal-25 t'Ottubru 2010 ikkonfermat li l-ammont ghadu dovut.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tal-bank atturi tirrizulta sodisfacentement ippruvata, il-Qorti tilqa' t-talba u tikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' tmint elef, sitt mija u ghoxrin Ewro u disgha u ghoxrin centezmu (€8,620.29) bilanc ghad-debitu fil-"Loan Account" tieghu mal-Bank of Valletta p.l.c. flimkien ma' 1-imghax ulterjuri mill-10 t'April 2009 sad-data ta' 1-effettiv pagament. Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' 1-ittra ufficjali datata 22 ta' Jannar 2009. L-ispejjez jibqghu a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------